**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 42** **08 ta' Gunju, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 08 ta' Gunju fid-9.30 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Reno Buġeja | - | Kunsillier |
| Matthew Buġeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Vanessa Galea | - | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **42.1** | **Qari ta’ Ittri ta’ Apoloġija** |
| 42.1.1 | F’din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija. |
| | |
| **42.2** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 42.2.1 | Il-laqgħa bdiet fid-9.37am. Ġew approvati l-minuti Nru 40 u 41. |
| | |
| **42.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 42.3.1 | Is-Sindku spjega li, qabel l-aħħar stqarrija li ġiet ippubblikata rigward l-art ta' Port Ruman, fejn hemm proposta li ssir jogging track/Resource Centre, kienet saret stqarrija oħra li għaliha kien preżenti hu stess flimkien mad-Deputat Sindku, is-Segretarju Tiffany Abela, il-Kunsillier Reno Bugeja u s-Sur Fabri mill-Aquatic Resource Centre. Matul dik il-laqgħa ġiet diskussa l-art inkwistjoni, kif ukoll l-opinjoni tar-residenti ta' Port Ruman, li skont dak li ġie ppreżentat hija favur l-iżvilupp ta' jogging track u kontra l-proposta tal-Aquatic Resource Centre.<br>Is-Sindku semma wkoll li għandha titnieda petizzjoni mir-residenti sabiex tintwera b'mod ċar ix-xewqa tagħhom li l-art tiġi żviluppata bħala jogging track u mhux bħala Aquatic Resource Centre, kif kien oriġinarjament imniżżel fil-manifest.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied li, f'Lulju 2026, il-Lands Authority organizzat konferenza stampa li matulha ħabbret li l-art kienet se tingħata lill-ARM (Aquatic Resource Centre). Huwa spjega wkoll li, flimkien mal-Ministeru għall-Ambjent u s-Sajd, ser tiġi organizzata laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti sabiex jinstemgħu l-opinjonijiet tagħhom, jiġu diskussi l-għażliet disponibbli u jiġi evalwat ir-riżultat tal-konsultazzjoni. Żied li dawn il-proposti għandhom jiġu komunikati wkoll lill-perit responsabbli mill-Masterplan sabiex jiġu riflessi fid-dokument.<br>Is-Sindku qal li, apparti l-Masterplan, jekk mir-residenti toħroġ b'mod ċar ix-xewqa favur il-jogging track, il-Kunsill għandu jesplora l-passi meħtieġa sabiex l-art terġa' tiġi devoluta lill-Kunsill.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied li kull min jattendi għall-konsultazzjoni għandu jippreżenta l-karta tal-identità u jkun residenti ta' Marsaxlokk.<br><br>Is-Sindku semma wkoll diversi kwistjonijiet oħra pendenti li, skont hu, il-Kunsill qed isib diffikultà biex javvanza fuqhom minħabba nuqqas ta' għajnuna. Fost dawn semma l-permessi relatati mar-ristoranti, b'mod partikolari dawk dwar l-imwejjed u s-siġġijiet li f'ċerti każijiet qed jostakolaw il-passaġġ għall-pedoni u qed jitqiegħdu qrib il-bankijiet pubbliċi. Irrimarka wkoll li fiż-żona fejn hemm is-siġra tal-palm max-xatt sar xogħol ta' tqegħid ta' madum mingħajr koordinazzjoni mal-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | Kwistjoni oħra pendenti hija dik tad-dgħajjes tat-turisti, fejn qed jiġi propost li ssir venda apposta għalihom. Ġie osservat ukoll li dawn id-dgħajjes għandhom ikunu miżbugħin bil-kuluri tradizzjonali tal-luzzu.<br><br>Fir-rigward tal-Ġnien tal-Kavallerizza, is-Sindku qal li x-xogħlijiet qed jieħdu aktar żmien milli kien mistenni. Żied li l-car park taż-żona mhuwiex taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Saħaq li dawn kollha huma kwistjonijiet li għadhom pendenti.<br><br>Is-Sindku semma wkoll li t-tinda tal-Għajn tal-Ħasselin ilha mneħħija għal żmien twil u sal-lum għadha ma ġietx installata oħra. Fir-rigward tal-funtana tal-pjazza, spjega li din għadha mhux qed taħdem minħabba nuqqas ta' fondi għat-tiswija tagħha.<br><br>Dwar il-Barumbara, is-Sindku fakkar li fil-passat kienet ġiet diskussa proposta sabiex din tiġi żarmata u trasferita fil-Ġnien ta' Port Ruman, iżda s-Superintendence of Cultural Heritage (SCH) ma qablitx mat-trasferiment u għalhekk il-proposta ma mxietx 'il quddiem. Sussegwentement, il-Kunsill ippropona li tinħoloq passaġġ tul il-ġenb tal-Barumbara, li jgħaqqad mal-isqaq eżistenti, u li l-parti ta' art privata meħtieġa għal dan il-għan tinxtara mill-Gvern.<br><br>Fir-rigward tal-Masterplan, ġie spjegat li qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li diversi attivitajiet jiġu rilokati lejn iż-żona tal-Power Station, flimkien maż-żieda ta' puntun ġdid. Barra minn hekk, qed tiġi proposta ż-żieda ta' breakwaters, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu inklużi miżuri sabiex tingħalaq parti mix-xatt.<br><br>Fl-aħħar nett, is-Sindku ressaq għall-vot il-proposta sabiex it-Torri Vendome jiġi devolut lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera kollha vvutaw favur id-devoluzzjoni tat-Torri lill-Kunsill. |
| | |
| **42.4** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |
| 42.4.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 06/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Mejju. Dawn ġew approvati mill-Kunsillier Reno Bugeja bħala proponent u ssekondati mill-Kunsillier Matthew Bugeja. |
| | |
| **42.5** | **Jum Marsaxlokk** |
| 42.5.1 | Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Matthew Bugeja spjegaw li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu mar-rappreżentant responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Fish Fest. Matul il-laqgħa ġew diskussi l-osservazzjonijiet u l-kwistjonijiet li nqalgħu matul l-edizzjoni tas-sena l-oħra, bil-għan li jiġu |

| | |
|---|---|
| | implimentati t-titjibiet meħtieġa għall-attività ta' din is-sena. Ġew diskussi wkoll il-preparamenti meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-attività.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied li, peress li l-gazebos/tined ser ikunu diġà installati għall-Fish Fest, talab lir-rappreżentant jekk ikunx possibbli li dawn jitħallew f'posthom ukoll għall-għada sabiex jintużaw waqt l-attività ta' Jum Marsaxlokk. Spjega li dan kien jiddependi wkoll minn jekk l-attività ta' Jum Marsaxlokk kinitx ser issir filgħodu jew filgħaxija, skont id-deċiżjoni tal-Kunsill.<br><br>Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li l-attività ta' Jum Marsaxlokk għandha ssir filgħodu. |
| | |
| **42.6** | **Faċilitajiet Pubbliċi fiż-Żona ta' Delimara** |
| 42.6.1 | Is-sidien tal-artijiet ta' St. Peter's Pool u Kalanka Bay attendew għal-laqgħa u ppreżentaw il-proposta tagħhom relatata mal-iżvilupp taż-żewġ siti. Matul il-preżentazzjoni spjegaw il-limiti tal-artijiet privati rispettivi u enfasizzaw li, minkejja li dawn huma proprjetà privata, ilhom għal diversi snin jippermettu lill-pubbliku u lit-turisti jaċċessaw iż-żoni sabiex igawdu l-baħar.<br>Ġie spjegat li saru diversi konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, inkluż mal-Malta Tourism Authority (MTA), bil-għan li jitressqu l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex isiru interventi infrastrutturali fiż-żoni ta' St. Peter's Pool u Kalanka Bay. Ġie indikat li l-għan fit-tul huwa li ż-żewġ siti jilħqu l-istandards meħtieġa sabiex jikkwalifikaw għaċ-ċertifikazzjoni Blue Flag.<br><br>Il-proposta tinkludi titjib fl-aċċess u fl-infrastruttura taż-żewġ siti, inkluż l-organizzazzjoni tal-aċċess u tal-parkeġġ, il-ħolqien ta' passaġġi aktar siguri sal-baħar, l-introduzzjoni ta' faċilitajiet pubbliċi, fosthom toilets pubbliċi u sistemi għall-ġestjoni tal-iskart, kif ukoll miżuri sabiex jitjiebu s-sigurtà, il-protezzjoni ambjentali u l-esperjenza kemm tar-residenti kif ukoll tat-turisti.<br><br>Ġie spjegat ukoll li s-sidien tal-artijiet esprimew ir-rieda tagħhom li jikkollaboraw mal-Kunsill Lokali fuq dan il-proġett. F'dan il-kuntest ġie indikat li l-Kunsill Lokali jikkoordina l-proċess tad-disinn u tal-applikazzjonijiet tal-ippjanar, filwaqt li s-sidien jinvestu fl-implimentazzjoni tax-xogħlijiet infrastrutturali meħtieġa. Ġie spjegat ukoll li fil-futur jista' jiġi kkunsidrat komponent kummerċjali limitat, inkluż kiosk, sabiex jgħin fis-sostenibbiltà finanzjarja tal-investiment u fil-manutenzjoni kontinwa taż-żewġ siti.<br><br>Wara li s-sidien temmew il-preżentazzjoni tagħhom u ħallew il-laqgħa, il-Kunsill iddiskuta l-proposta.<br><br>Il-Kunsilliera qablu unanimament mal-proposta ppreżentata u approvaw li jitkomplew il-passi meħtieġa sabiex jitressqu l-applikazzjonijiet neċessarji u jiġu implimentati l-interventi proposti fiż-żoni ta' St. Peter's Pool u Kalanka Bay. |

| | |
|---|---|
| | |
| **42.7** | **Tender tal-IT** |
| 42.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-Dipartiment tal-Procurement bagħat il-kummenti u s-suġġerimenti tiegħu dwar it-tender inkwistjoni. Hija spjegat li ntalbet ukoll ġustifikazzjoni għaliex it-tender kien inħareġ b'rekwiżiti ta' kwalifika ogħla minn dawk previsti.<br><br>Hija informat lill-Kunsill li ġew ippreżentati żewġ għażliet: jew li t-tender jiġi kkanċellat u jerġa' jinħareġ b'rekwiżiti konformi maċ-Ċirkolari CC 03-2023, fejn il-kwalifika minima ma għandhiex taqbeż Bachelor's Degree fil-Livell EQF/MQF 6 (jew ekwivalenti), jew inkella li tingħata ġustifikazzjoni formali għar-rekwiżiti ogħla li kienu ġew stabbiliti.<br><br>Wara diskussjoni, il-Kunsill ivvota b'mod unanimu favur li t-tender jiġi kkanċellat u jerġa' jinħareġ mill-bidu bir-rekwiżiti korretti u skont il-linji gwida stabbiliti. |
| | |
| **42.8** | **Audited Financial Statements** |
| 42.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-accountant tal-Kunsill kien qed jattendi l-laqgħa b'mod virtwali sabiex jippreżenta d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Awditjati għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025.<br><br>L-accountant ippreżenta d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Awditjati permezz ta' preżentazzjoni fuq l-iskrin tat-televiżjoni fis-sala tal-laqgħat, sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jsegwu b'mod ċar id-dettalji tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji. Huwa spjega l-punti ewlenin tar-rapport u wieġeb il-mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera.<br><br>Wara diskussjoni, il-Kunsill approva unanimament id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Awditjati kif ippreżentati. |
| | |
| **42.9** | **SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali <u>U</u> SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità** |
| 42.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, għal din is-sena, il-Kunsill ma jistax japplika għal dawn l-iskemi peress li għad hemm skemi bl-istess isem mis-sena l-oħra li għadhom pendenti.<br><br>Il-Kunsilliera ħadu nota tal-informazzjoni ppreżentata. |
| | |

| **42.10** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
|---|---|
| 42.10.1 | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk it-tabelli tal-one-way fit-triq ta' wara t-Torri humiex ser jitneħħew, peress li kienu ġew introdotti minħabba x-xogħlijiet ta' tiswija fit-toroq.<br>Hija ssuġġeriet li t-tabelli temporanji jitneħħew jew jiġu mgħottija, peress li x-xogħlijiet bħalissa jinsabu wieqfa. Is-Sindku wieġeb li t-tabelli ser jiġu mgħottija.<br><br>Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Pulizija żżid il-preżenza tagħha fil-bajjiet u tagħmel rondi aktar frekwenti. Is-Sindku wieġeb li ser jiddiskuti din il-kwistjoni mal-Pulizija.<br><br>Il-Viċi Sindku talbet aġġornament dwar l-applikazzjonijiet għal kiosks temporanji u staqsiet jekk il-permessi kinux diġà nħarġu. Is-Segretarju Eżekuttiv tat aġġornament dwar is-sitwazzjoni.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-bajjiet ta' Marsaxlokk jistgħux jikkwalifikaw għall-istatus ta' Blue Flag. Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega li, fil-preżent, il-kwalità tal-ilma hija kklassifikata bħala suffiċjenti u mhux eċċellenti, u għalhekk il-bajjiet ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa. Żied li hemm ukoll nuqqas ta' ċerti faċilitajiet essenzjali, bħalma huma toilets pubbliċi.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll jekk ikunx possibbli li jiġu pprovduti lifeguards fil-bajjiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat il-korrispondenza meħtieġa lill-Malta Tourism Authority (MTA) u lill-entitajiet konċernati sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu pprovduti lifeguards.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja talab aġġornament dwar il-proġett tal-festun tax-Xatt. Is-Sindku spjega li l-proġett bħalissa jinsab pendenti peress li qed jiġu mfittxija fondi sabiex ikun jista' jitwettaq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li, sadanittant, l-arbli tax-xatt ser jaslu fil-jiem li ġejjin.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja talab aġġornament dwar il-bike racks. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ser tivverifika s-sitwazzjoni u tipprovdi l-aġġornament meħtieġ.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qajjem ukoll il-kwistjoni tax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Luzzu u fit-toroq tal-madwar, fejn qed isir bdil tal-kanen u t-tneħħija tat-tarmac. Huwa qal li diversi residenti avviċinawh u lmentaw li ma jkunux infurmati minn qabel meta l-kuntrattur ikun ser jagħlaq it-triq, bil-konsegwenza li l-vetturi tagħhom jispiċċaw maqbudin fil-garaxxijiet.<br>Is-Sindku wieġeb li, normalment, il-kuntrattur jinforma lir-residenti qabel l-għeluq tat-triq, iżda żied li ser jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar din il-kwistjoni.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa wkoll jekk ix-xogħol tat-tqegħid tat-tarmac fi Triq il-Luzzu, Triq is-Salvatur u t-toroq tal-madwar huwiex ser jitkompla matul dan ix-xahar. Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddejja komunikazzjoni mal-MTA |

| | |
|---|---|
| | sabiex, tal-anqas, jitlesta t-tqegħid tal-ewwel saff tat-tarmac fin-naħa ta' fuq taż-żona, sakemm jitkomplew il-bqija tax-xogħlijiet.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qajjem ukoll il-kwistjoni tat-triq biswit it-Tempji, fejn ġie ssuġġerit li fil-parti l-ġdida fejn tqiegħed it-tarmac tiġi introdotta sistema ta' Give Way jew inkella jiġu installati sleeping policemen, sabiex titjieb is-sigurtà fit-traffiku. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jiddiskuti din il-kwistjoni ma' Infrastructure Malta u ma' Transport Malta sabiex issir valutazzjoni tat-traffic management fiż-żona u jiġi stabbilit x'interventi jistgħu jsiru. Żied ukoll li ser jintalab li jsir refresh tal-markings tat-toroq fiż-żona tal-Kappella ta' Tas-Silġ.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja osserva li f'diversi toroq ġew miżbugħa linji blu għall-parkeġġ riservat għar-residenti, iżda għadhom ma ġewx installati t-tabelli li jindikaw dan. Is-Sindku spjega li dan l-eżerċizzju kien beda bħala proġett pilota fi żmien id-Deputat Segretarju u li issa ser jintbagħat avviż lil Transport Malta sabiex jiġu installati t-tabelli meħtieġa.<br>Is-Sindku żied li, fid-dawl tas-suċċess ta' dan l-eżerċizzju, il-Kunsill ser ikompli jimplimentah ukoll fit-toroq li kienu ġew diskussi f'laqgħat preċedenti, fosthom Triq iż-Żejtun minn Triq l-Arżnell 'l isfel, Triq San Andrija u Triq San Franġisk minn Triq l-Arżnell 'l isfel. Fir-rigward tat-tabelli, is-Sindku spjega li ser jiġu installati tabelli li jindikaw il-ġranet u l-ħinijiet ta' validità tal-parkeġġ għar-residenti, kif kien ġie deċiż fil-laqgħat preċedenti. Żied li t-tabella ser tindika wkoll li persuni li mhumiex residenti jkunu jistgħu jipparkjaw biss għal perjodu ta' żmien limitat, bil-ħin tal-wasla indikat permezz ta' parking disc.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa għal aġġornament dwar it-talba għal reserved parking fi Triq il-Wilġa u jekk instabitx soluzzjoni.<br>Is-Sindku wieġeb li waħda mill-blue bays fil-parkeġġ tal-Magħluq ser tiġi allokata bħala spazju ta' parkeġġ riservat għar-residenta kkonċernata.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li r-residenta kienet mitluba tippreżenta d-dokumenti meħtieġa relatati mat-talba, iżda sal-ħin tal-laqgħa dawn kienu għadhom ma ġewx sottomessi. |
| | |
| **42.11** | **Planning Authority** |
| 42.11.1 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa lill-Kunsill li ma kellux applikazzjonijiet x'jippreżenta jew jiddiskuti.<br>L-uniku aġġornament li ta kien dwar il-laqgħat tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) li attenda fir-rigward tal-applikazzjoni relatata mar-razzett tal-majjali f'Delimara. Huwa spjega li l-każ ġie differit peress li ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa żied li, wara l-laqgħa, ġie kkuntattjat mis-sid tal-applikazzjoni sabiex jiġi esplorat jekk jistax jintlaħaq kompromess. Huwa informa lis-sid li kwalunkwe proposta għandha titressaq formalment quddiem il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Matthew Bugeja informa lill-Kunsill li reġgħet tressqet l-applikazzjoni relatata mas-San Souci sabiex il-binja tinbidel f'dar tal-anzjani. Huwa osserva li l-kummenti li l-Kunsill kien ressaq lill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għadhom ma ġewx ikkunsidrati, b'mod partikolari fir-rigward tal-faċċata, fejn il-Kunsill kien talab li din tkun terrazzata min-naħa ta' Triq iż-Żejtun, minflok faċċata sħiħa. |
| | |
| **42.12** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 42.12.1 | Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fil-15 ta' Lulju fit-3.00pm.<br>Il-laqgħa ntemmet, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 15 ta' Lulju, 2026.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**

*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Vanessa Galea**

*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***